MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 4/2006

**Euroweb Limited, Nextgen.Net Limited, Waldonet Limited, Keyworld Limited u Telemail Limited**

**vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjonijiet**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Frar, 2006, il-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"IL-BORD TA' L-APPELLI (il-Bord) wara li ra l-appell tas-socjetajiet appellanti (l-appellanti) u r-risposta ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjonijiet (l-Awtorita`) u wara li ezamina l-provi u d-dokumenti tal-partijiet u wara li sema' t-trattazzjoni tad-difensuri abbli taghhom.

IKKONSIDRA:

L-aggravji tas-Socjeta` appellanti jikkoncernaw dokument mahrug mill-Awtorita` intitolat “Statement of Proposed Decision regarding Carrier Selection for VoIP Services” datat “July 2005” segwit minn dokument iehor “Carrier Selection for VoIP Services - Report on Consultation and Decision”.

Il-Bord ezamina l-eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-Awtorita` illi l-Bord m’ ghandux jiehu konjizzjoni ta’ l-aggravji mqajma mill-appellanti fejn jikkoncernaw is-socjeta` Maltacom stante li l-Bord imissu jiehu konjizzjoni unikament ta’ aggravji u talbiet li jikkoncernaw decizjoni mehuda mill-Awtorita` u dan a tenur ta’ l-artikolu 39 ta’ l-Att ghat-Twaqqif ta’ Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni (l-Att).

L-istess Att jistipula li “decizjoni tinkludi kull sentenza, direzzjoni, kondizzjoni ta’ licenzja, mizura, htiega jew specifikazzjoni jkunu kif ikunu deskritti, maghmulin mill-Awtorita` u l-kelma “decizjoni” ghandha tiftiehem skond hekk”. (Artikolu 2 ta’ l-Att).

Ghaldaqstant waqt li l-Bord jinnota r-referenza specifika ghad-decizjonijiet ta’ l-Awtorita` fid-dicitura tal-fuq imsemmi artikolu liema referenza ma thalli ebda lok ghal dubbju l-Bord jilqa’ l-eccezzjonijiet preliminari.

Il-Bord pero` ghall-istess ragunijiet ma jilqax l-eccezzjoni sollevata fejn jikkoncerna l-Awtorita` stess. Jidher car li l-Awtorita` hadet decizjoni ai termini tad-definizzjoni fuq imsemmija u dan permezz tad-dokument mertu ta’ dan l-appell u cioe` li l-Awtorita` ma kinetx ser tidhol fil-mertu ta’ x’ kellu jkun il-prezz retail tal-carrier select u dan peress li l-Awtorita` kienet diga hadet passi fil-konfront tas-socjeta` Maltacom sabiex trahhas ir-rati “wholesale” taghha.

“With respect to the allegation of predatory pricing in the retail price being charged for the ‘TEN21’ service, the MCA notes that at present, because the retail price appears to cover the wholesale elements together with a

reasonable margin of profit, there is no solid evidence of any alleged anti-competitive behaviour in this regard.” (fol 7)

L-Awtorita` iddecidiet ukoll li sakemm din il-“mizura” tigi evalwata fid-dawl ta’ l-effetti taghha fis-suq illi ma tidholx fil-mertu tar-rata “retail”. Ghandu jinghad li l-Awtorita` talbet informazzjoni mis-Socjeta` Maltacom u dan, wara li rceviet l-ilment mis-socjetajiet appellanti li r-rati retail ta’ l-istess socjeta` kienu “predatory”, pero` kif jirrizulta mill-provi, l-Awtorita` accettat ir-risposta moghtija lilha mis-socjeta` Maltacom minghajr ma talbet reazzjoni mis-socjetajiet appellanti.

Waqt is-smiegh ta’ l-appell l-Awtorita` produciet bhala xhud, rapprezentant tas-socjeta` Maltacom sabiex jispjega l-informazzjoni li l-istess socjeta` kienet ghaddiet lill-Awtorita` biex tirribatti l-allegazzjoni ta’ l-appellanti ta’ predatory pricing u cioe` li l-prezz retail ma setax ikopri l-cost. Jirrizulta mill-istess xhieda li l-Awtorita` strahet fuq din l-informazzjoni meta ghaddiet biex tiddeciedi dwar l-ilment tas-socjetajiet appellanti. Huwa relevanti li l-Awtorita` ma pprezentat ebda informazzjoni jew kalkolu taghha izda strahet unikament fix-xhieda tar-rapprezentant tal-Maltacom.

Ghaldaqstant mill-provi migjuba quddiemu l-Bord huwa sodisfatt li l-Awtorita` naqset mid-dover fundamentali bhala regolatur tas-settur li tosserva l-principju ta’ l-audi alteram partem fejn kien jikkoncerna l-ilment maghmul mis-socjetajiet appellanti. Tant li l-istess socjetajiet ipprezentaw minn rajhom ezercizzju bazat fuq kalkoli taghhom biex jissollecitaw l-Awtorita` sabiex tindaga ulterjorment l-ilment taghhom. Dan sehh wara li d-decizjoni de quo kienet diga ttiehdet mill-Awtorita`.

Il-Bord jiddeciedi li jichad it-talbiet tas-socjetajiet appellanti fil-konfront tal-Maltacom pero` jilqa’ l-aggravju fil-konfront ta’ l-Awtorita` sabiex l-Awtorita` tindirizza direttament l-ilment tas-socjetajiet appellanti, haga li s’issa m’ghamlitx stante li l-Awtorita` ma gabet ebda prova diretta biex tiggustifika d-decizjoni taghha hlief xhieda ‘ex parte’ kif

ukoll li tiehu dawk il-passi kollha necessarji sabiex jizgura li jkun hemm 'level playing field' fejn jikkoncerna r-retail pricing bejn is-socjeta` Maltacom u s-socjetajiet appellanti."

L-Awtorita` citata hassitha aggravata b' din is-sentenza u ghalhekk talbet ir-riforma taghha b' sensiela ta' aggravji, maggorment konsistenti f' obbjezzjonijiet ta' indoli procedurali. Dawn gew minnha formulati kif gej:-

(1) L-appell gie intavolat quddiem, u deciz minn, entita` li legalment ma tezistix;
(2) Il-Bord ma kellux gurisdizzjoni li jitratta u jiddeciedi t-talbiet kif dedotti;
(3) Il-Bord naqas li jindividwa l-aggravju li kien qed jilqa';
(4) Il-Bord iddecieda fuq ilment li ma kienx dedott fit-talbiet;

Oltre dawn, fil-meritu l-Awtorita` tikkwerela d-deduzzjoni tal-Bord ta' l-addebitu attribwit lilha tan-non-osservanza tal-principju "*audi alteram* partem";

Bl-ewwel aggravju taghha l-Awtorita` appellanti tavvanza l-proposizzjoni tan-nullita` tas-sentenza ghal motiv tad-desinjazzjoni errata tal-Bord. Dan kemm fir-rikors ta' l-appell intavolat quddiemu mis-socjetajiet appellati, kif ukoll fid-decizjoni innifisha. Fit-twegiba taghhom l-appellati, filwaqt li jirrikonoxxu l-ezistenza ta' l-izball, jattribwixxu dan ghal dak li huma jikkwalifikaw bhala diskrepanza bejn il-versjoni bil-Malti u dik bl-Ingliz fit-test tal-ligi;

Fuq dan l-ahhar punt irid jinghad illi din il-Qorti ma tirravvizax din l-allegata diskrepanza. L-Artikolu 36 (1) ta' l-Att XVIII ta' l-2000 ghat-Twaqqif ta' Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni specifikament jipprovdi ghat-twaqqif ta' Bord ta' l-Appell li jkun maghruf bhala l-"Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet". Fit-test bl-Ingliz,

“Communications Appeals Board”. It-traduzzjoni hi pjuttost fidila u ma tikkreja ebda diffikolta. F’ kull kaz, u ankorke seta’ kien hemm il-konflitt suggerit mill-appellati, tajjeb li jigi mfakkar illi kif jinsab provvdut kemm fl-Artikolu 74 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 8 (3) ta’ l-Att ta’ l-1980 dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Statutorji hu t-test Malti li jipprevali fuq dak bl-Ingliz;

Eliminat il-punt imqanqal mill-appellati, insibu bhala fatt illi r-rikors promotur taghhom gie minnhom ipprezentat “Fit-Tribunal ta’ l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet Elettronici”. Huwa fatt ukoll illi fid-decizjoni issa appellata n-nomenklatura indikata hi dik “Fit-Tribunal” meta rettament kellha tkun “Fil-Bord” ai termini ta’ l-Artikolu 36 (1) precitat. Ghall-Awtorita` appellanti dawn l-indikazzjonijiet zbaljati fl-isem tal-Bord adit igibu n-nullita`. Bir-rispett dovut din il-Qorti ma thossx li tista’ tikkonsidra sostenibbli din il-proposizzjoni. Dan mhux biss ghaliex in-nullita` ta’ l-atti (kompriz f’ dawn, is-sentenza) m’ ghandhiex tigi leggerment attiza imma wkoll ghaliex l-irregolarita` materjali ta’ l-isem tal-Bord, li certament tezisti, *ex-facie* l-istess atti, ma timportax in-nullita` aspirata mill-Awtorita` appellanti;

Ir-raguni wara din il-konluzjoni tal-Qorti hu msejjes fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Jirrizulta mill-atti fl-inkartament tal-kaz, senjatament mill-istess risposta ta’ l-Awtorita`, illi kien sew maghruf minnha illi l-appell tas-socjetajiet kien qed jitressaq mid-decizjoni taghha. B’ dik ir-risposta hi rrikonixxiet il-validita` ta’ l-att u d-dritt ta’ l-appellati li jissottomettu l-lanjanzi taghhom quddiem il-Bord krejat mil-ligi;

(2) Intant, fir-rigward, l-Awtorita` ma ressqet ebda eccezzjoni ta’ nullita` u, anzi, ipprocediet ghall-atti ohra successivi minghajr ma ssollevat dik in-nullita`. Kif maghruf, hu espressament provvdut fis-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 illi tali eccezzjoni ma tistax

tinghata fi stadju inoltrat “meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`”;

(3) Apparti li l-izball hu derivanti minn semplici zvista, dik l-intestatura erronea ta’ l-isem tal-Bord ma arrekat ebda pregudizzju lill-Awtorita` li ma jistax jissewwa hlief bl-annullament ta’ l-atti;

(4) Dik it-tiswija lanqas ma hi daqstant necessarja ghax, kif jinsab ritenut, “*sebbene quell’ errore vi esiste, tuttavia non è sempre necessaria la emenda col corregersene l’ errore, se quell’ atto, da se stesso, dagli altri atti della causa e dalla legge, chiaramente indichi a quale corte il convenuto abbia inteso appellare*” (**Kollez. Vol. XVII P I p 5**);

(5) Kwantu ghas-sentenza emessa mill-Bord l-izball fid-desinjazzjoni hu *lapsus calami* evidenti. Dan ghar-raguni illi ezami, anke superficjali, tal-korp ta’ l-istess sentenza manifestament juri, anke b’ riferenza ripetuta, illi dik is-sentenza kienet qed tinghata mill-“Bord ta’ l-Appelli”, u mhux ukoll mit-“Tribunal ta’ l-Appelli”, kif erronjament intestat;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma thossx li ghandha tindugi izzejjed aktar milli misthoqq f’ dibattitu inoltrat fuq l-ewwel aggravju lilha sottomess u li qed jigi bil-prezenti, fuq l-osservazzjonijiet maghmula, respint;

L-argoment kollu sottomess bit-tieni aggravju jikkonsisti f’ dan. It-talbiet tas-socjetajiet appellati jmorru ferm oltre il-parametri tal-ligi kif mahsuba bl-Artikolu 39 ta’ l-Att. L-Awtorita` ssostni illi ghajr ghat-tielet talba l-ilmenti tas-socjetajiet kienu indirizzati di fronte ghall-Maltacom li ma kienetx litiskonsorju u, nonostante talba ghall-korrezzjonijiet promossa mill-istess socjetajiet, l-istess ma gietx degretata mill-Bord;

B' introduzzjoni ghal dan l-aggravju jibda biex jigi osservat illi fil-prattika forense quddiem il-Qrati ta' gurisdizzjoni kontenzjuza, meta l-kawzalijiet jew it-talbiet ma jkunux imfissra sew u car imma mbaghad jirrizultaw hekk cari minn atti ohra, tigi adottata l-ekwipollenza. In-necessita` li jigi mitigat ir-rigur ta' certu formalizmu zejjed kien ilu jigi avvertit mill-gudikanti sa mill-1883 bhala "*l' antico sistema*" (**Kollez. Vol. X pagna 1**) u "*poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell' amministrazione della giustizia in generale*" (**Kollez. Vol. XXVI P I p 424**). B' egwal forza rafforzata dan ghandu applikabilita` fil-kazijiet trattati minn tribunali specjali, regolamentati bi procedura *ad hoc* u minghajr sagramentalita` zejda. Hu infatti koncess bir-Regolament 10 (3) ta' l-Avviz Legali 111 ta' l-2005 illi l-Bord ta' l-Appelli jista' f' kull waqt jippermetti li ssir kull emenda fir-rikors bil-ghan li dan ikun aktar car;

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi s-socjetajiet appellati, x' aktarx fuq invit ta' l-istess Bord, intavolaw rikors separat (7 ta' Ottubru 2005) fejn ressqu certi kjarifiki ghat-talbiet originali taghhom. Issa hu minnu illi ghal din ir-rikors kien hemm ir-risposta oppozitorja ta' l-Awtorita`, u huwa wkoll minnu illi dak ir-rikors baqa' ma giex degretat. Dan, pero`, fil-hsieb tal-Qorti, ma jgibx ghal daqshekk illi l-Bord ma kellux il-gurisdizzjoni li jitratta u jiddeciedi t-talbiet, kif originarjament dedotti. Hekk l-istess Bord, sa fejn kien hekk jokkorri, ma naqasx milli jiddetermina, fuq is-senjalazzjoni ta' l-Awtorita`, illi certi aggravji kienu jesorbitaw mill-isfera tal-gurisdizzjoni tieghu, u allura tal-konsiderazzjonijiet tieghu dwarhom. Sa fejn deherlu, imbaghad, ma naqasx milli jikkonsidra u jiddeciedi dik it-talba li, fil-fehma tieghu, fuq il-valutazzjoni u konsiderazzjoni tal-provi u ta' l-atti kienet taqa' fil-kompetenza tieghu li jiddefinixxi. Talba din li kif ikkonstatat u stabbilit mill-Bord kienet torbita ma' l-operat u l-attribut decizorju ta' l-Awtorita` u kif din kienet taffettwa l-interessi u d-drittijiet tas-socjetajiet appellati. Taht dan il-profil ta' ragunar u ta' dak li ser jinghad aktar 'l isfel anke dan l-aggravju qed jitqies insostenibbli;

Dan li appena nghad ghandu rilevanza fil-konsiderazzjoni li jmiss li ssir dwar it-tielet u r-raba' aggravji, li ser jigu investigati flimkien;

Huwa necessarju illi qabel kull riflessjoni ohra jsiru dawn l-osservazzjonijiet preliminari:-

(1) Min irid isostni f' gudizzju dritt li jghid li ghandu, jew li gie vjolat lilu, ghandu jipproponi dan permezz ta' domanda jew domandi;

(2) Fl-indagini diretta ghall-individwar tal-kontenut u l-portata tat-talba jew talbiet sottoposti ghall-ezami tieghu, il-gudikant mhux tenut joqghod ghas-sens letterali strett tal-kliem li bihom id-domandi jkunu artikolati, imma ghandu jiehu rigward tal-kontenut sostanzjali ta' dak pretiz, hekk dezumibbli minn natura tal-qaghda dedotta fil-gudizzju. Dan jista' jaghmlu minghajr limiti ta' xejn, hlief dawk konnessi ma' l-esigenza tar-rispett tal-korrispondenza bejn il-mitlub u d-decizjoni;

(3) Hekk in virtu ta' dan il-principju l-gudikant ma jistax jaghmel gudizzju fuq kwestjoni mhux mitluba jew li jistatwixxi fuq xi haga li ma jkollhiex korrispondenza fit-talba. Huwa, anzi, vinkolat mid-domanda proposta u ma jistax ibiddel uhud mill-elementi objettivi ta' l-identifikazzjoni tal-kaz quddiemu, jew li jiddeciedi fuq xi haga mhix rikjesta jew kompriza, lanqas implicitament jew virtwalment, fid-domanda. Lanqas ma jista' jqieghed ghab-bazi tad-decizjoni tieghu fatti u sitwazzjonijiet estraneji ghall-materja konteza mill-partijiet billi jintroduci fil-process "*causa petendi*" gdida u diversa minn dik proposta mill-parti ghas-sostenn tat-talba taghha;

(4) Dan hawn rilevat ghandu gustifikazzjoni f' dik ir-raguni li trid li jigu garantiti l-interessi tal-kontroparti billi jigi impedit li tigi akkolta domanda li dwarha l-kontroparti ma kienx f' posizzjoni li jddefendi ruhu kontra taghha;

(5) Kif saput, kull kawza tikkonsisti fil-*petitum*, ossija l-obbjett tad-domanda, u fil-*causa petendi*, ossija l-

motivi ndikati mill-parti fl-att kostitutiv. Hu difatti ma' dawn li torbita l-mizura ta' l-interess guridiku (Ara **Kollez. Vol. XLV P I p 58**). Haga naturali ghalhekk illi l-esigenza accennata hawn fuq ma tigix frustrata jekk dak akkordat u deciz ikun b' xi mod kompriz fil-*petitum*, u ma jesorbitax lanqas mill-*causa petendi*;

Precizati dawn il-preliminari, hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina jekk, tabilhaqq, kif allegat mill-Awtorita` appellanti, il-Bord idderogax, u iddevjax, mill-precitat principju ta' korrispondenza u allura, ukoll, jekk is-sentenza tieghu tippekkax minn vizzju ta' *ultra* jew *extra* petizzjoni;

Huwa dejjem importanti li jinzamm in mira illi, kif gja aktar 'il fuq espress, fl-ezercizzju ta' interpretazzjoni u kwalifikazzjoni ta' domanda, il-gudikant mhux necessarjament u bil-fors kondizzjonat mill-espressjonijiet adoperati mill-parti. Huwa, anzi, ghandu d-dover li jistharreg il-vicenda processwali shiha rapprezentata mill-parti, kompriz dawk il-precizazzjonijiet li l-istess parti ggib 'il quddiem fil-kors tal-gudizzju. Jikkonsegwi allura illi ma jinkorrix fil-vizzju ta' ultra-petizzjoni dak il-gudikant li jezamina kwestjoni li, ghalkemm, mhux espressament formulata, tkun hekk tacitament proposta. S' intendi, basta dejjem li din tkun f' rapport ta' rabta mad-domanda formulata;

Fuq l-ezami taghha ta' l-atti attendibbli u ta' l-assjem tal-vicenda processwali jidher li l-aggravju li fuqu ssofferma l-Bord kien jirrientra fit-talba li, fost id-diversi talbiet, l-istess Bord zamm ferm u li, fil-fehma tieghu, kienet tirrapprezenta b' mod generali t-terren tad-diskussjoni quddiemu u ta' dik il-volonta` effettiva tal-partijiet, implicitament rikavabbli mill-kondotta processwali taghhom. F' kull kaz irid jinghad ukoll illi kien fid-dritt ritwali tal-Bord li jaghti lir-rapport kontrovers u lill-fatti allegati kwalifikazzjoni guridika diversa minn dik prospettata mill-partijiet, "*avendo egli il potere – dovere di*

*inquadrare nell' esatta disciplina giuridica gli atti ed i fatti che formano oggetto della contestazione, sempre che sia rispettato l' ambito delle questioni proposte e siano stati lasciati immutati il petitum e la causa petendi, senza introdurre nel tema controverso nuovi elementi di fatto, un nuovo tema d' indagine, o attribuendo beni non richiesti o diversi da quelli domandati*". (**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, 2002, Nurmu 8479; 2004, Numru 3366** u **1996, Numru 1352**, ilkoll riferenzjati fil-"**Commentario breve al Codice di Procedura Civile**", ta' Carpi, Colesanti u Taruffo, Ediz. Cedam, 2004, pagna 522);

In bazi ghal dan kollu li ntqal din il-Qorti ma ssibx illi l-Bord naqas milli jidentifika l-aggravju, jew li ppronunzja ruhu oltre il-limiti tat-talba, b' introduzzjoni *d' ufficio* ta' kwestjoni estraneja ghall-oggett tal-gudizzju. Konsegwentement din il-Qorti ma ssibx li t-tielet u r-raba' aggravji procedurali huma fondati u ghalhekk qed tirrespingihom;

Fuq l-aggravju fil-meritu, l-Awtorita` appellanti tissottometti illi l-agir taghha ma kienx jammonta ghall-infrazzjoni tal-principju fundamentali tas-smigh xieraq in kwantu s-socjetajiet appellati kellhom kull opportunita` li jressqu, kif fil-fatt hekk ghamlu, l-osservazzjonijiet kollha taghhom wara l-pubblikazzjoni minnha tad-dokument konsultativ intitolat "Statement of Proposed Decision regarding Carrier Selection for VOIP Services". Tissottometti ukoll illi ma kellux jigi pretiz minn ghandha illi hi tiehu konjizzjoni ta' dawk l-osservazzjonijiet l-ohra li ghamlu l-appellati wara l-emissjoni tad-decizjoni taghha (12 ta' Awissu 2005);

Jidher minn dawn is-sottomissjonijiet u riljievi ohra minnha maghmula illi l-Awtorita` qed titlef di vista l-punt centrali rilevat mill-Bord u, cjoe, illi l-vjolazzjoni tal-principju hu maghmul jikkonsisti fil-fatt illi fid-decizjoni taghha l-Awtorita` strahet ghal kollox fuq it-taghrif lilha fornut mill-Maltacom, liema taghrif hi naqset li tiddivulga lis-

socjetajiet appellati ghar-reazzjoni taghhom qabel l-ghoti tad-decizjoni;

Fuq l-interpretazzjoni taghha ta’ din il-parti tas-sentenza appellata huwa aktar minn ovvju illi l-motivazzjoni tal-Bord tinsab arginata fuq ir-ragonament illi s-socjetajiet appellati ma nghatawx, kif hekk il-kwestjoni kienet timmerita, il-possibilita` tad-diskussjoni ampja fuq l-informazzjoni ottenuta mill-Awtorita` minghand il-Maltacom. Jekk xejn, biex is-socjetajiet appellanti, kif hekk kien gust u xieraq, ikunu in grad li jikkontrapponu ghal dik l-informazzjoni dawk l-elementi utli, kapaci li jiddeterminaw il-konvinciment divers ta’ l-Awtorita` minn dik tad-decizjoni mehuda;

Hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi dik il-motivazzjoni tal-Bord fis-sentenza appellata hi logikament u guridikament valevoli u gustifikata. Il-principju tal-kontradittorju, sija fit-tehid ta’ decizjoni gudizzjali jew kwazi gudizzjali sija f’ dik amministrativa, ghandu karattru inderogabbli u ghandu ghalhekk jigi dejjem rispettat. Mhux dan biss, pero`. Hu mistenni wkoll illi l-jeddijiet tal-partijiet ghandhom ikunu adegwatament tutelati b’ tali mod li dawn jinghataw l-opportunita` shiha li jesponu l-assunti taghhom b’ mod wiesgha qabel it-tehid ta’ kull xorta ta’ decizjoni. Dan ghal motiv, sew logiku, sew guridiku, ta’ l-impatt negattiv li dik id-decizjoni jista’ jkollha fuq il-jeddijiet taghhom. Anke hawn allura din il-Qorti ma ssibx fl-aggravju sollevat fuq dan il-punt argoment perswasiv li ggieghelha tiddiskosta ruhha mill-gudizzju tal-Bord fil-meritu.

Ghal dawn il-motivi u in raguni tal-konsiderazzjonijiet kollha suespressi din il-Qorti qed tichad l-appell lilha devolut fil-kapi kollha tieghu u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata. Il-Qorti tara li hu xieraq illi l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa salv ghal dawk tar-Registru li jibqghu a karigu ta’ l-Awtorita` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------